**WAĦDA MILL-POEŻIJI TA' L'GĦAŻIŻ MISSIERI ĊENSU BUSUTTIL**
**(ikkupjata minn manuskritt)**

# LIL OMMI

Min kien għejd, li min twelidi
b'ħalib sidru lili rabba
u min kien li tant imħabba
tassew dejjem wera lejja?

Min kien li fi ċkuniti
kien tant miegħu jhanninni
u biex norqod ibenninni?
sigħat sħaħ bil kegħda ħdejja?

Min kien għejd li meta jiena
kont inħoss rasi tarmini
qatt ma kellha l'qalb tħallini
l-anqas biss biex tistrih ftit?

U min kien li żammni f'ħoġru
imellisni, jżiegħel bija
meta kont għadni tarbija?
għaliex forsi kont marid?

U min kien li xħin tlaqt nimxi
meta ġie li jien waqajt
għaliex bkejt billi waġġajt
biesni tant bid-dmugħ f'għajnejh?

Meta bdejt xi ftit nitfarfar
min għallimni ngħejd "BAMBIN"
u s-salib bl'id tal-lemin
jiena nrodd b'idi f'idejh?

Min għallimni l-PATER NOSTER
ngħejd, imbagħad l-AVE MARIJA
min għar-ruħi ħaseb fija
meta nikber xi ftit bdejt?

Min tant ħwejjeġ sbieħ għallimni
u li nħobb l'Alla w lin-nies
u widdibni wkoll bla qies
u kliem b'ieħor qatt ma ngħejd?

Min fl-iskejjel rani dejjem
biex nitgħallem għal ġid tiegħi
u xi drabi nkorla miegħi
għax xi ftit ittraskurajt?

Min għamilni veru raġel
għax fit-trieq sewwa mexxieni
skond il qalb t'Alla rabbieni
u sa l'lum jena hekk bqajt?

Kont int OMMI GĦAŻIŻA OMMI
li min dejjem int ħabbejtni
u fil għożża int rabbejtni
daqsek sgur ma ħabbni ħadd.

Iva int kont MAĦBUBA OMMI
dik il mara qalb il ħniena
u għalhekk sa ma mut jena
nibqa nħobbok, ninsik qatt.

**16.8.1918** **V. BUSUTTIL**